MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2010

Citazzjoni Numru. 10/2010

**A B**
**vs**
**C sive D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewgu fil-31 ta' Mejju 2003, u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal; li l-kunsens matrimonjali tal-partjiiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [c][d][f][g] u [h] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi dan iz-zwieg; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li biha huwa kkontesta r-responsabbilita' ghan-nullita' li jattribwixxi unikament lill-attrici;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha mal-konvenut kuntrattat fid-data fuq indikata huwa null u bla effett fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali taz-zewg partijiet kien vizzjat fit-termini ta' l-artikoli precitati.

Minn naha tieghu l-konvenut isostni li l-unika parti responsabbli ghal din in-nullita' hija l-attrici.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet ikkuntrattaw zwieg civili fil-31 ta' Mejju 2003, meta allura l-attrici, cittadina Amerikana, kellha 46, u l-konvenut, cittadin Malti kellu 55 sena, u wara li kienu ilhom jafu lil xulxin ftit xhur. Iz-zewg partijiet huma divorzjati, u, filwaqt li l-attrici ghandha hamest [5] itfal miz-zwieg u minn relazzjoni precedenti, il-konvenut ghandu tifla miz-zwieg precedenti tieghu.

Wara konvivenza ta' anqas minn hames [5] snin, li matulha l-partijiet isseparaw de facto darbtejn, huma sseparaw de facto defenittivament.

*Verzjoni Attrici*
Illi l-attrici tispjega kif hija kienet saret taf lill-konvenut f' Awissu 2002 tramite persuna li kienet tmexxi singles group f' Malta. Bdiet relazzjoni mal-konvenut, u wara li gie finalizzat id-divorzju tal-konvenut mall-ex mara tieghu, huma zzewgu f' Mejju 2003 u l-attrici kompliet tabita mal-konvenut fir-residenza tieghu f' tas-Sliema.

L-attrici takkuza lill-konvenut li tul il-konvivenza matrimonjali huwa ma kienx jaghtiha appogg, lanqas meta kienet mizmuma taht arrest f' Texas, u lanqas meta kellha taghmel operazzjoni f' qalbha; u kien ipoggi l-benessere tan-neputi ta' l-ex mara tieghu, li kien qed irabbi, qabel

dak taghha, allura martu. Tghid li dan it-tifel kien jigi qabilha, tant li kienet tissuspetta dwar il-paternita' tieghu.

Takkuzah ukoll li huwa ma kienx qallha kollox dwar il-passat tieghu; u inoltre, wara li kien tilef l-impieg tajjeb li kellu, f' Dicembru 2004, huwa ma hadimx aktar, u l-partjiet kienu jghixu fuq l-introjtu taghha.

Tghid li bil-komportament tieghu fil-konfront taghha, il-konvenut kien wera li hu kien insensittiv ghall-bzonnijiet u ghal benessere ta' martu, basta li l-imsemmi neputi ma kien jonqsu xejn.

Tghid ukoll li, avolja l-konvenut kien iddivorzja minn ma' l-ex mara tieghu sabiex jizzewweg lill-attrici, huwa xorta wahda kien baqa' qrib tal-mara precedenti tieghu li minnu hija ghandha tifla, u ma qatghax ir-rabtiet minn maghha.

L-attrici tallega li anke waqt l-att taz-zwieg il-konvenut kien egojist, u kien jaghmel affarijiet li lilha kienu jdejjquha.

*Verzjoni Konvenut*
Illi l-konvenut jkkonferma li hu kien sar jaf lill-attrici tramite singles group, u, ghalkemm f' dak iz-zmien huwa kien separat minn ma' martu, dawn kienu ddecidew li jbqghu separati, u ma jiddivorzjawx.

Sussegwentement, wara ftit li kien iltaqa' ma' l-attrici, li kienet tghix f' ambjent zghir gewwa l-Furjana, huwa kien stedinha sabiex tmur tghix mieghu, u hi accettat. Wara ftit, hija kienet bdiet tinsisti mieghu sabiex jizzewgu, u l-konvenut kien accetta, bil-kondizzjoni li kellha tieghu hsieb kollox l-attrici; eventwalment gie konkluz id-divorzju bejn il-konvenut u martu, u ghalhekk il-partijiet setghu jizzewgu. Kien ghalhekk li damu circa ghaxar xhur biex jizzewgu.

Il-konvenut jispjega li hekk kif izzewgu l-attrici bidlet l-atteggjament taghha fil-konfront tan-neputi li kien qed irabbi, u ta' l-ex mara tieghu, u riedet li akkost ta' kollox, huwa jaqta'l-kuntatt maghhom; haga li l-konvenut ma riedx, peress li lit-tifel kien ilu jrabbih ghal zmien twil, u

inoltre, ma' l-ex mara tieghu kienet qed tghix it-tifla tieghu. Dan il-kuntrast kien sors ta' inkwiet fil-hajja matrimonjali bejniethom.

Il-konvenut jghid li l-problemi kienu jezistu mill-bidunett tal-konvivenza matrimonjali, izda r-relazzjoni precipitat meta huwa kien tkecca mix-xoghol tieghu, li kien jirrendilhom introjtu relevanti, bil-konsegwenza li l-piz finanzjarju tal-familha waqa' sostanzjalment fuq l-attrici. Jghid ukoll, li nonostante li l-introjtu tal-familja naqas, l-attrici xorta wahda kienet baqghet tikkontribwixxi kull xahar is-somma ta' LM70 b' donazzjoni lil knisja Evangelista; u l-konvenut jilmenta mill-fatt li l-attrici kienet ossessjonata bir-religjon taghha, b' mod li ma kinitx tirraguna.

Il-konvenut jichad kategorikament dak allegat mill-attrici fil-konfront tieghu rigwardanti r-relazzjonijiet intimi.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu fit-tul, u hija tal-fehema li, nonostante l-eta' taghhom u nonostante li t-tnejn kienu mizzewgin qabel, u kellhom tfal miz-zwigijiet precedenti, huma xorta wahda deheru li kienu nkapaci li jassumu l-obbligi matrimonjali fil-konfront ta' xulxin; u ghalkemm ghamlu xi zmien jghixu flimkien, izda fil-forma mentis taghhom, kienu hafna l' boghod minn xulxin. Kien hemm differenzi radikali bejniethom li servew ta' ostakolu serju sabiex jifformaw flimkien komunjoni ta' hajja u mhabba, u ma kienux kapaci jezegwixxu obbligu essenzjali ghall-hajja konjugali, u cioe' dak tal-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku. L-egojizmu taz-zewg partijeit fil-konfront ta' xulxin kien l-ostakolu primarju.

Ghaldaqstant il-Qorti tirravviza fil-konfront taz-zewg partijiet il-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt, u fid-dritt, bi htija taz-zewg partijiet.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-31 ta’ Mejju 2003.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------